## QORTI CIVILI - PRIM AWLA

**IMHALLEF : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Mejju 2001**

**Citazzjoni numru 351/98 GC**

**Formosa & Camilleri Limited u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Paul Micallef u l-istess Paul Micallef f'ismu proprju**

**vs**

**Charles Agius**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici nomine ppremettiet:-

Illi l-vettura FAB883 hija proprjeta tal-assigurat taghha u hi assigurata comprehensive mas-socjeta attrici nomine hlief ghal Lm150 "excess";

Illi fil-11 ta' Novembru 1996 gol-Mosta, il-konvenut kien qed isuq il-vettura L-0636 u kkaguna incidenti mal-vettura FAB883 u kkawza hsarat fuq din il-vettura li kienet misjuqa minn Stephen Micallef;

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba negligenza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss;

Illi s-socjeta attrici nomine hallset l-ammont ta' Lm1380 (elf tliet mija u tmenin lira) u issa hi surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha ghal dan l-ammont;

Illi l-assigurat hallas minn butu Lm150 "excess";

Illi nterpellat ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Is-socjeta attrici nomine ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi ghar-ragunijiet hemm citati;

2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1530, jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti, kwantu ghal Lm1380 effettivament imhallsa mis-socjeta attrici nomine u ghal-liema somma l-istess socjeta attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, u kwantu ghal Lm150 "excess" imhallsa minn Paul Micallef, jekk jinhtieg bin-nomina ta' periti;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1997, u bl-imghax tat-8% fuq Lm1530 mil-lum sal-hlas effettiv u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Rausi Insurance Services Limited;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici peress illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut imma tal-assigurat tas-socjeta' attrici li kien qed isuq bi speed eccessiv u li kawza ta' dan sehh l-incident;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-konvenut u x-xhieda prodotti mill-atturi u mill-istess konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2000;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Novembru 1996, ghal habta tal-10.30 pm, gewwa Valletta Road il-Mosta, sehh incident stardali. Involuti f'dan l-incident kien hemm Stephen Micallef, li jigi bin l-attur Paul Micallef u li kien qed isuq il-vettura ta' missieru, tal-marka Renault, numru ta' registrazzjoni FAB 883 u l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Suzuki numru ta' registazzjoni L-0636. Jirrizulta li bin l-attur kien qed isuq go l-imsemmija Valletta Road, filwaqt li l-konvenut kien diehel fl-imsemmija triq gej minn triq laterali u cioe' Ta' Panta Road;

Jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-imsemmi Stephen Micallef kienet assigurata "comprehensive" mas-socjeta assikuratrici attrici, biss l-assikurat kellu jhallas l-ewwel Lm150 ghal dak li hu komunement mgharuf bhala "excess". Jirrizulta li s-socjeta attrici hallset lill-assikurat taghha, cioe lill-attur Paul Micallef, is-somma ta' elf tliet mija u tmenin lira (Lm1380) u dana ghall-hsarat li sofra l-istess Paul Micallef fl-imsemmija vettura tieghu bhala kawza tal-imsemmi incident stradali. B'hekk is-socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-imsemmi assigurat taghha ghall-imsemmi ammont. L-attur Paul Micallef kellu ibghati l-ewwel Lm150 skond il-polza relattiva;

Is-socjeta attrici asikuratrici u l-attur Paul Micallef jippretendu li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u konsegwentement ghad-danni kollha li sofra l-attur Micallef fl-imsemmija vettura tieghu. Ghalhekk qed issir din il-kawza. Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-incident in kwistjoni gara tort tas-sewwieq tal-vettura l-ohra li kien qed isuq b'velocita' eccessiva;

Jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura tal-attur Micallef kien ghaddej go Valletta Road sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta, filwaqt li l-konvenut kien dahal fl-istess Valletta Road gej minn triq laterali cioe Ta' Panta Road;

Stephen Micallef jghid li hu kien qed isuq fuq in-naha ta' fejn hemm ic-centre strip. F'hin minnhom, wara li kien qabez roundabout u wara li kien gia beda ghaddej fid-dritt, ra l-karozza misjuqa mill-konvenut hierga minn fuq ix-xellug tieghu, cioe' hierga mill-imsemmija triq laterali. Micallef jghid li l-konvenut ma waqafx qabel ma dahal fit-triq principali. Huwa jghid li l-konvenut baqa hiereg b'velocita' mhux hazin u baqa sejjer ghal fuq il-lane fejn kien qed isuq hu, cioe' hdejn ic-centre strip. Micallef ipprova jazzjona il-brakes pero huwa skiddja, minhabba li t-triq kienet niedja, u baqa diehel fil-karozza tal-konvenut. Huwa jghid li kien ghaddej b'velocita ta' bejn 60 u 80 kiolometru fis-siegha;

Il-konvenut jghid li meta gie biex jidhol fit-triq principali, huwa waqaf, ra li ma kienx gej traffiku min-naha tal-lemin tieghu u b'hekk beda hiereg ghal go l-istess triq principali. Wara li lehaq hareg fit-triq principali u wara li kien gia ghad-dritt, huwa sema brake u sussegwentement hass daqqa ta' vettura ohra li baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tal-karozza tieghu. Il-konvenut ikkonferma li meta hareg fit-triq principali huwa mar lejn is-centre strip. Huwa qal li d-daqqa fuq il-vetura tieghu kienet fuq in-naha ta' wara pero pjuttost fuq in-naha tal-lemin. Huwa qal li kien lehaq mexa circa ghoxrin metru fit-triq principali qabel ma qala d-daqqa. Huwa kkonferma ukoll li meta spezzjona t-traffiku qabel ma hareg fit-triq pricipali huwa kellu vizwali mhux hazin;

Mill-provi kollha prodotti u fic-circostanzi kollha partikolari tal-kaz jidher li l-konvenut qabel ma dahal fit-triq principali ma waqafx sabiex jispezzjona t-triq b'mod partikolari sabiex jivverifika jekk kienx gej traffiku minn fuq il-lemin tieghu. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt li fejn suppost waqaf il-konvenut, l-istess konvenut kellu vizwali twila tat-triq u zgur li lill Micallef kien jarah gej. In effett jirrizulta li t-triq in kwestjoni kienet imdawla tajjeb u ma jirrizultax li kien hemm xi difett fis-sistema tad-dawl tal-karozza misjuqa mnn Micallef. Ghandu jinghad ukoll li s-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kollizzjoni ma kkonfermax li l-konvenut fuq il-post tal-kollizjoni kien qallu li l-istess konvenut kien waqaf qabel ma beda diehel fit-triq principali. In effett fl-okkorrenza rigwardanti dan l-incident (Dok JM3 - Fol.41) ma hemmx indikat li l-konvenut qal li huwa kien waqaf qabel ma beda diehel fit-triq principali. Inoltre jirrizulta li l-konvenut ghamel manuvra azzardata ohra meta huwa baqa sejjer ghal fuq in-naha tat-triq hdejn ic-centre strip. In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-konvenut holoq stat ta' emergenza istantanea ghal Micallef u din kienet il-kawza principali talli sehh l-incident;

Ma tistax tigi attribwita responsabilita lill-Micallef minhabba l-velocita' li biha kien ghaddej l-istess Micallef. Il-konvenut holoq stat ta' emergenza ghal Micallef, li in effett ipprova jieqaf pero l-karozza tieghu skiddjat minhabba li t-triq kienet nidja. Il-fatt li kien hemm in-nida hu konfermat fl-okkorrenza relattiva (Dok JM3 - Fol.41);

In vista ta' dan kollu l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali. Jirrizulta li d-danni kollha sofferti mill-attur Micallef fil-karozza tieghu bhala konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf hames mija u tletin liri maltin (Lm1530). Jirrizulta li minn dawn is-socjeta attrici assikuratrici hallset is-somma ta' Lm1380, mentri l-kumplament ta' Lm150 kellu jbghatihom l-attur Micallef bhala "excess";

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni; tillikwida d-danni kollha sofferti fil-karozza tal-attur Micallef bhala konsegwenza ta' l-istess incident fis-somma komplessiva ta' elf hames mija u tletin liri maltin (Lm1530) u tikkundanna l-konvenut ihallas l-istess somma ta' Lm1530 in linea ta' danni u dana kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u tmenin liri maltin (Lm1380) lis-socjeta attrici assikuratrici u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin liri maltin (Lm150) lill-attur Paul Micallef u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u cioe' mill-20 ta' Frar 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.